MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 996/2007

**Paolo Bonnici Ltd (C4186)**

**vs**

**Paul Sciberras (ID 147349M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta` rikkorrenti li bih wara li ppremettiet:

Illi bi skrittura tat-12 ta' Marzu, 2002 u approvata fit-30 ta' Settembru, 2002, Dok A annessa – *Credit Application Form*, is-socjeta' attrici kkoncediet kreditu lill-konvenut ta' sittin (60) gurnata, b'limitu ta' ghaxart elf lira Maltin (Lm10,000) bil-kundizzjoni, fost ohrajn li l-istess konvenut assuma r-responsabilita` personali ghall-hlas.

Illi kif jidher minn l-i*Statement* markat Dok S, il-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' t'elef,

erba’ mija u tletin liri Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm7,430.43,0) bilanc minn somma akbar prezz ta' merkanzija varja lilhom mibjugha u kkonsenjata. L-ahhar *invoice* kellha tithallas mhux aktar tard mill-20 ta' Dicembru, 2006.

Illi l-konvenut baqa' nadempjenti *nonostante* interpellazzjoni ufficjali tal-31 ta' Mejju, 2007 - Dok C.

Illi l-ammont pretiz hu likwidu, cert u dovut u fil-fehma tas-socjeta' attrici l-konvenut m'ghandu l-ebda eccezzjoni x'jaghti biex jikkontesta t-talba ghall-hlas. Dan hu kkonfermat mill-ittra tal-konsulent legali tal-konvenut tat-22 ta' Gunju, 2007 – Dok D.

Ghaldaqstant, is-socjeta' attrici titlob bir-rispett li *in vista* tal-premess, din il-Qorti joghgobha tikkundanna lill-konvenut Paul Sciberras jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba’ t'elef, erba’ mija u tletin liri Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm7.430.43), l-ekwivalenti ta' sbatax-il elf u tlett mija u tmienja punt hamsa u ghoxrin Euro (€17,308.25) bilanc minn somma akbar, prezz ta' merkanzija varja lilu mibjugha u kkonsenjata, kif fuq intqal, u dan bid-dispensa tas-smigh tal-kawza, *in vista* tad--dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta' attrici fit-termini ta' l-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap. 12.

Bl-ispejjez, bl-imghax legali mill-20 ta' Dicembru, 2006 sa liema data kellu jsir il-hlas, bl-ispejjez tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Mejju, 2007, tal-mandati kawtelatorji ta' Qbid u Sekwestru pprezentati kontestwalment, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` rikorrenti;

Rat in-nota ta’ l-intimat datata 11 ta’ Dicembru 2007 li biha ammetta it-talba kif dedotta fir-rikors guramentat;

Billi mill-ammissjoni tal-intimat, it-talba dedotta fir-rikors guramentat tirrizulta ppruvata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-intimat permezz ta' nota tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti** kif dedotta fir-rikors guramentat b'dan illi tikkundanna lill-konvenut Paul Sciberras jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' t'elef, erba' mija u tletin liri Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm7.430.43), l-ekwivalenti ta' sbatax-il elf u tlett mija u tmienja punt hamsa u ghoxrin Euro (€17,308.25) bilanc minn somma akbar, prezz ta' merkanzija varja lilu mibjugha u kkonsenjata.
Bl-ispejjez, bl-imghax legali mill-20 ta' Dicembru, 2006 sa liema data kellu jsir il-hlas, bl-ispejjez tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Mejju, 2007, tal-mandati kawtelatorji ta' Qbid u Sekwestru pprezentati kontestwalment, kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------